MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 393/2009

**A B**
**vs**
**L B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewwgu fil-25 ta' Jannar 1979, u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d]u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-kap.255; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li permezz taghha l-konvenuta kkontestat ir-responsabbilita' taghha ghan-nullita';

Rat l-atti tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fil-25 ta’ Jannar 1979 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta’ l-artikoli tal-ligi fuq citati.

Minn naha taghha l-konvenuta qed tikkontesta dak imputat lilha.

**Il-Fatti**

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu,u anke lix-xhieda prodotti.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fil-25 ta’ Jannar 1979 meta allura l-attur, armel, kellu 51 sena u l-konvenuta, li precedentement kienet soru, kellha 42 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin ftit xhur.

Illi l-hajja konjugali ma kienitx wahda felici, u di fatti minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Fis-sena 1986 l-attur telaq wahdu minn Malta lejn il-Filippini u hemm iltaqa’ ma Rosalina Da Coron.

Illi fit-30 ta’ Lulju 1987 l-attur, li allura kellu 61 sena izzewweg lil din il-mara Filippina li kellha 27 sena u li fiha sab dak li kellu nieqes fiz-zwieg mal-konvenuta. Minn dan iz-zwieg twieled tifel.

Illi meta dawn gew lura Malta, il-konvenuta accettat din is-sitwazzjoni u anke baqghet tiffrekwenta, u tghin lill-attur u lit-tielet mara tieghu.

L-attur jispjega li meta huwa kien romol mill-ewwel mara tieghu fis-sena 1976 huwa sab ruhu wahdu u ma setghax ikampa. Jghid li ma kienx kapaci li jghix wahdu u kien ser jaqbdu breakdown; ghalhekk meta ltaqa’ mal-konvenuta bl-ghajnuna ta’ qassis, huwa hataf l-okkazzjoni li

jizzewweg, tant li wara ftit xhur izzewweg lill-konvenuta meta bil-kemm kien jafha.

In propozitu l-attur jghid li "meta kont iddecidejt li nizzewweg lil L, jiena kont qieghed nizzewweg ghal kumpanija. Kont ghidt ukoll li jekk iz-zwieg imur tajjeb, allura kont inkompli ghaddej fil-hajja mizzewwga. Pero jekk iz-zwieg ma kienx jirnexxi, allura hassejtni liberu li rega' nibda hajti mill-gdid. Kif fil-fatt ghamilt."[1]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess il-Qorti tirravviza fil-konfront ta' l-attur il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat, stante li, jirrizulta manifest, u ed admissis mill-istess attur, li ghalkemm dana esternament ghadda minn cerimonja ta' zwieg mal-konvenuta, huwa nternament u b' att pozittiv tal-volonta' tieghu eskluda zewg elementi essenzjali taz-zwieg, cioe' dak ta' l-esklussivita' u tal-permanenza, ossija l-obbligu tal-fedelta'.

Fil-fatt, hekk kif ra li z-zwieg ma kienx irnexxa, huwa telaq lejn il-Filippini fejn sab mara u fi zmien ftit xhur izzewwigha. Illum dan jghix ma' din it-tielet mara tieghu, kuntent, u minn dan iz-zwieg ghandu tifel.

Dan premess u kkunsdirat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-25 ta' Jannar 1979.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

[1] Fol.6

---------------------------------TMIEM---------------------------------